

# Katechein

Issue: 2/20

## Kollox f'idejn Alla

Kemm huwa veru l-qawl Malti: Il-bniedem jipproponi imma Alla jiddisponi. Nistgħu ngħidu li f'dawn il-ġranet qegħdin ngħixu mumenti li ma huma xejn bħas-soltu. Dan għaliex mhux biss kellna nbiddlu r-rutina tal-ħajja ta' kuljum minħabba l-COVID-19. Minn jaf kemm ippjanajna għal dawn il-ġranet u ġimgħat li ġejjin, imma issa ntbaħna li ma nistgħu inwettqu xejn minn dak li ppjanajna għalissa. Anki aħna fis-Segretarjat għall-Katekeżi konna qed nippreparw Kungress Kateketiku ieħor li kien ippjanat għas-Sibt 28 ta' Marzu 2020, imma dan ukoll ġie pospost għal data aktar 'l quddiem meta nkunu aktar fis-sigur. Saħansitra biex nibżgħu għal xulxin qegħdin naħdmu mid-dar. Għaldaqstant sakemm nagħtu avviż ieħor nitolbukom li ma tmorrux fl-Uffiċċji tas-Segretarjat fil-Furjana imma tagħmlu kuntatt eletroniku magħna.

Ħajjitna fuq livell personali nbidlet ukoll għaliex sa ċertu punt lkoll imbeżżgħa minn xi ħaġa li aħna għadna ma nafux eżatt x'inhi. Waħda mill-affarijiet li lkoll infittxu hija s-sigurtà u s-serħan il-moħħ. U minn hawn xtaqt li nieħu spunt għall-ħajjitna f'dan iż-żmien tar-Randan.

Iż-żmien tar-Randan huwa żmien privileġġjat fil-ħajja tan-nisrani. Dan għaliex jitlob minna li aħna nagħtu titwila lejn ħajjitna u naraw liema huma dawk is-sigurtajiet falzi li rbatna qalbna magħhom. Fl-istess waqt , ir-Randan huwa żmien li fih aħna mistednin li nieħdu wkoll deċizjonijiet importanti f'ħajjitna – deċiżjonijiet li ħafna drabi jitolbu minna li aħna nħallu l-passat warajna, u l-affarijiet kif imdorrija li nagħmluhom biex nimxu aktar mill-qrib ta' Ġesù fl-istil tal-ħajja li wriena hu stess.

J'Alla f'dan ir-Randan, qalb it-tibdil li qed naraw madwarna, ikollna wkoll il-grazzja li niltaqgħu tassew ma' Ġesù ħalli bil-Kelma tiegħu jħeġġiġna biex tassew nibdlu ħajjitna għall-aħjar.

**Rev. Dr Carl-Mario Sultana**
**Deleġat għall-Katekeżi**

*carlmario.sultana@maltadiocese.org*
*7960 3872*

Nixtiequ li nwasslu KATECHEIN għand il-katekisti kollha. Jekk tafu b'katekisti li għal xi raġuni jew oħra m'humiex qed jirċevuha, għidulhom jibgħatulna email fuq info.katekezi@maltadiocese.org